MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2004

Appell Civili - Ghawdex Numru. 71/2001/1

**Untours Insurace (agents & Brokers) Ltd u din ghall-Qatar Insurance Agency Company kif surrogata fid-drittijiet ta' James Munro u l-istess James Munro**

**vs**

**Maria Lourdes Gauci**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz prezentat fl-14 ta' Novembru 2001 li bih l-atturi, premessa d-dikjarazzjoni li l-konvenuta kienet unikament responsabbli ghall-incident, talbu l-hlas tas-somma ta' erbgha mija u erbgha u erbghin lira Maltija, disgha u erbghin centezmu (Lm444.49,0) danni mgarrba fit-22 ta' Marzu 2000 meta l-vettura Numru ta' Registrazzjoni EAV-682, misjuqa mill-konvenuta habtet mal-vettura Numru CAP-213 fi Triq San Duminku, Fontana, Ghawdex;

Rat ir-Risposta tal-konvenuta illi permezz taghha eccepiet illi:-

1. it-talba attrici ghal dikjarazzjoni ta' responsabilita` u kundanna lill-eccipjenti ghall-hlas tad-danni mhijiex gustifikata u ghandha tigi respinta bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta` attrici;

2. il-konvenuta mhiex responsabbli ghall-incident mertu tal-kawza billi l-kollizjoni sehhet minhabba mperizja u sewqan non-kuranti u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' Teresa Munro li kienet is-sewwieqa tal-vettura Tipo bin-numru CAP-213 kif ser jigi pprovat ampjament fil-kors tal-kawza;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti tal-10 ta' Lulju 2003 fejn permezz taghha, wara li laqghet l-appell interpost, awtorizzat is-smiegh tal-provi fil-meritu bl-operat tal-Artikolu 8 (3) tal-Att V ta' l-1995 (Kap 380);

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda moghtija u l-atti l-ohra kollha tal-process;

Semghet it-trattazzjoni tal-kawza;

Ikkonsidrat:

L-incident meritu tal-vertenza sehh fit-triq u fid-data precizati fl-Avviz. Fih, il-vettura misjuqa minn Theresa Munro, sofriet hsarat fuq il-parti ta' wara n-naha tax-xellug. Din ix-xhud tistqarr li hi riedet tmur ix-Xlendi u fl-inkrocju bejn it-triq li taghti ghall-Munxar u dik diretta ghax-Xlendi waqqfet biex tivverifika t-tabella li tissenjala l-lokalitajiet. Hi ssostni li waqt li kienet hekk sosta u bl-indicator on sfat milquta mill-vettura misjuqa mill-konvenuta. F'dan ir-rakkont ix-xhud hi sorretta mid-deposizzjoni ta' huha, l-attur James Munro.

Invece l-konvenuta, li tabita l-Munxar tiddikjara li l-incident sehh ghaliex il-car l-ohra indetreggjat ghal fuq il-vettura taghha. In effetti hi tistqarr hekk: "Jien marajtx 'indicators', waqqfu 'cum bum' u irriversjaw biex ikunu

jistghu jmorru x-Xlendi …”. Verzjoni din zmentita mill-ahwa Munro.

Irrizulta wkoll bhala fatt illi l-konvenuta qabbdet u allontanat ruhha minn fuq il-post tal-incident ghax, skond l-ispjega taghha, zewgha ried imur xoghol Malta u hi riedet tiehu hsieb it-tarbija taghha.

Premessi dawn il-fatti, kif spiss jigri f’kazijiet ta’ din ix-xorta l-Qorti hi konfrontata minn zewg verzjonijiet ghal kollox kontradditorji. Jinkombi ghalhekk fuq il-Qorti li tittanta tirrikostruwixxi mill-istess fatti d-dinamika tal-istess incident minghajr il-htiega li tirrikorri ghall-iskappatoja tar-regola “in dubio pro reo”.

Ezaminati kif jixraq iz-zewg verzjonijiet u tenut qies tas-soliti kriterji gwida tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u tal-verosimiljanza, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, sostrat baziku f’materji civili, din il-Qorti tipropendi li taccetta l-verzjoni tal-akkadut supplita mill-ahwa Munro. Dan anke in raguni tas-segwenti osservazzjonijiet:-

(1) Ibda biex wiehed logikament jifhem illi kieku verament il-konvenuta kienet konvinta mill-verzjoni taghha hi kienet tistenna fuq il-post tal-incident sakemm tigi kondotta l-investigazzjoni mill-Pulizija u tigi registrata ‘r-res gestae’ tal-incident. Mhux hekk biss. Ragonevolment ukoll l-istess konvenuta kienet tipprosegwi bl-azzjoni idonea biex tigi rizarcita d-danni proprji subiti.

(2) Biex jinghad l-anqas din il-Qorti ssibha ferm difficli li taccetta l-iskuzanti tal-konvenuta li hi qabbdet u telqet minn fuq il-lok tal-incident minhabba l-fatt li riedet toqghod mat-tarbija. Jekk xejn, kif taraha din il-Qorti din l-istess skuzanti timmilita kontra taghha ghax turi li l-ghaggla li kellha seta’ influwenza l-kondotta tas-sewqan taghha anterjuri ghall-incident.

(3) In-natura tad-danni subiti fil-car tal-attur Munro hi konfacjenti ma’ min sofra daqqa u mhux ma’ min kien skond il-konvenuta l-kagun tal-impatt.

(4) Fil-fehma tal-Qorti l-fattur determinanti u l-kawza immedjata u prossima tal-incident ma kienx il-fatt tar-reversing, kif allegat mill-konvenuta, izda pjuttost is-sewqan dizattent u mprudenti tal-istess konvenuta li ma kienetx qed izomm ‘a proper look out’.

(5) Gjaladarba l-Qorti qed taccetta li fil-mument tas-sinistru l-vettura tal-attur kienet sosta, allura ssegwi l-presunzjoni illi sewwieq ta’ vettura wieqfa ma kellux jitqies li kkontribwixxa ghall-incident. Minn naha l-ohra daqstant iehor kellu jkun prezunt li kkontribwixxa ghalih sewwieq ta’ vettura “in motion”. Ara **Gibb** “Trial of Motor Accident Cases”, pagna 73, Section 90.

(6) Ma giex provat li l-vettura wieqfa ta’ munro holqot xi ostakolu inaspettat u b’mod li tissorprendi l-vettura tal-konvenuta. U ma jistghax ikun mod iehor gjaladarba l-konvenuta ma strahetx fuq id-difiza ta’ xi emergenza subitanea izda fuq il-fatt tar-reversing. Fic-cirkostanzi din il-Qorti ma ssibx li tezisti raguni biex tiskossa l-presunzjoni ‘juris tantum’ favur is-sewwieqa Theresa Munro.

Stabbiliti dawn il-konsiderazzjonijiet din il-Qorti ssib, b’konvinzjoni, illi l-htija ghall-incident ghandha tigi addossata fuq il-konvenuta. Id-danni, spjegati fid-dokumenti esebiti (Dok A1 u P2), ma gewx kontestati mill-konvenuta, u ghalhekk din il-Qorti ma tistghax hlief takkoljihom. Dan anke ghaliex ma jidherx, fil-kumpless, li l-ammont likwidat ta’ erbgha mija u dsatax il-lira, disgha u erbghin centezmu (Lm419.49,0) hu irreali jew esagerat.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tiddikajra illi ghall-incident awtomobilistiku li sehh fit-22 ta’ Marzu 2000 fi Triq San Duminku, Fontana, hi unikament responsabbli l-konvenuta. Konsegwentement tikkundanna lill-istess konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta’ erbgha mija u dsatax-il lira, disgha u erbghin centezmu (Lm419.49,0) in linea ta’ danni.

L-ispejjez gudizzjarji kollha jitbatew mill-konvenuta.

Onor. Imhallef Philip Sciberras LL.D.

Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------